2) *Zentralverband des Deutschen Bäckerhandwerks eV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 260, 07.09.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2014 – Lomnici vs Il-Parlament**

**(Kawża T-650/13)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Petizzjoni indirizzata lill-Parlament Ewropew li tikkonċerna l-liġi l-ġdida dwar iċ-ċittadinanza Slovakka — Petizzjoni ddikjarata ammissibbli — Deċiżjoni ta' għeluq tal-proċedura — Att li ma jistax ikun is-suġġett ta' rikors — Inammissibbiltà")***

(2014/C 409/60)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Zoltán Lomnici (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentant: Z. Lomnici, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Pospíšilová Padowska u T. Lukácsi, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Petizzjonijiet tal-Parlament, tas-17 ta' Ottubru 2013, li tiddikjara magħluqa l-Petizzjoni Nru 1298/2013.

**Dispożittiv**

1) *It-talba li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni tal-Parlament Ewropew hija miċħuda.*

2) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

3) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent imressqa mir-Repubblika Slovakka u mill-Ungerija*

4) *Zoltán Lomnici għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Parlament.*

5) *Ir-Repubblika Slovakka u l-Ungerija għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 71, 08.03.2014.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2014 – Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-698/13 P)** ([1])

***("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rikors miċħud fl-ewwel istanza bħala manifestament inammissibbli — Assenza ta' identiċità bejn ir-rikors ippreżentat bil-faks u l-oriġinal ippreżentat sussegwentement — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Tardività — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat")***

(2014/C 409/61)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellant:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Gattinara, aġenti)

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla), tas-17 ta' Ottubru 2013, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-127/12, ĠabraSP, EU:F:2013:161), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.